**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs.**

**Bernard Simler**

Numru: 962/2012

Illum l-ewwel (1) ta' Dicembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Bernard Simler**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 169655(M), akkuzat talli nhar is-26 ta' Frar 2012, ghall-habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofs inhar (13:45hrs), f'dawn il-Gzejjer u cioé fi Triq ix-Xatt, tas-Sliema, waqt li kien qieghed isuq rota:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alan Hennessy hekk kif iccertifikat

minn Dr. J. P. Camilleri M.D. (Med. Reg. No. 5278) tal-iSptar Mater Dei.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "JMM 3" – *a fol.* 8).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 9).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u *parte civile*.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet il-provi prodotti mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015, is-sottomissjonijiet finali da parti tal-konsulenti legali tal-*parte civile* u tal-imputat (*a fol.* 78 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 77), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed taderixxi ma' dak li gie sottomess mill-konsulent legali tal-*parte civile* fis-sottomissjonijiet finali tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jesmond Micallef** (*a fol.* 10 *et seq.*) rigward l-incident li sehh fis-26 ta' Frar 2012 f'liema incident kien involut il-parti leza Hennessy u l-imputat. Ezebixxa l-okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 12 *et seq.*) u kif ukoll

certifikat mediku fir-rigward tal-parti leza, liema certifikat gie mmarkat bhala Dok. "JM 2" (*a fol.* 15).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2012, xehdet ukoll **WPS 212 Valerie Farrugia** (*a fol.* 16 *et seq.*) rigward l-okkorrenza redatta minnha, liema okkorrenza tinsab immarkata bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 12 *et seq.*). Filwaqt li kkonfermat din l-okkorrenza hija spjegat li marret fuq il-post tal-incident ma' xi pulizija ohra wara li gew infurmati li ragel safa' mtajjar minn persuna li kien qed isuq rota fix-xatt ta' tas-Sliema. Tispjega li kemm il-parti leza u kif ukoll l-imputat ittiehdu l-isptar fejn il-parti leza gie certifikat li kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi peress li kellu frattura. Mill-investigazzjoni li ghamlet hi u minn dak li qalulha z-zewg partijiet ikkonfermat li l-parti leza kien qed jaqsam fuq iz-*zebra crossing*. Tghid: *"[Simler] kien gej oppost minn kif kien gej it-traffiku, jigifieri biex niftehmu sew hu kien fil-parti fid-direzzjoni minn fejn taghti ta' Sliema ghal fejn il-Gzira. Issa s-Sur Simler kien gej kuntrarju ghat-traffiku, bhal li kieku gej mill-Gzira lejn ta' Sliema"* (*a fol.* 17).

In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-parti leza ttajjar minn fuq iz-*zebra crossing*. Tispjega li l-imputat kien sejjer jinforma lil tal-maratona biex jghidilhom li kien baqa' ragel iehor.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Frar 2013, xehed il-parti leza **Alan Hennessy** (*a fol.* 20 *et seq.*) fejn qal li huwa jahdem bhala *social worker* [fl-Irlanda] u li dakinhar tal-akkadut f'Malta kienet qed tinzamm il-maratona. Jixhed: *"I was crossing the road to go over and book a sight-seeing ferry. I crossed the […] zebra crossing and was like a gap in between and I stopped and I looked till the direction of the traffic on the left and there was traffic coming in the distance. I glanced to the right and just as I stepped out I got hit by the bicycle"* (*a fol.* 20-21). Jghid li qasam it-triq minn fejn hemm il-*bin* ghal fejn il-bahar. Jispjega li fiz-*zebra crossing* ma kienx hemm *traffic lights* pero kien hemm *beacons* sofor. Jghid li kien qed jaqsam it-triq fid-dritt. Jghid ukoll: *"I got hit by the cyclist because he was coming in the inside of the lane, so I had no chance like"* (*a fol.* 21). Jispjega li meta kien ghadu fuq il-bankina qabel beda jaqsam, it-traffiku kien gej mid-direzzjoni tal-lemin u li meta qasam sa nofs it-triq

it-traffiku kien jigi mix-xellug tieghu. Jghid li l-imputat gie bir-rota minn naha tal-lemin tieghu. Jispjega li bl-impatt mal-imputat spicca mal-art u sofra griehi li kienu jikkonsistu fi frattura fil-minkeb. Jghid li kellha ssirlu *steel plate* bil-konsegwenza li ma setghax jidritta dirajgh. Jghid li biex ikun jista' jidritta drieghu u jkollu *full power* irid jaghmel operazzjoni ohra. Jghid li spicca gie operat u kellu jaghmel erbat'ijiem l-isptar. Jghid li kien wahdu qed jaqsam it-triq u li anke l-imputat wahdu kien. Jghid li qed jaghmel fizjoterapija u jara l-konsulent tal-*orthopaedic* gewwa l-isptar f'Dublin kull tlitt xhur. Mistoqsi jghid jekk ghandux bzonn ta' intervent iehor b'konsegwenza tal-operazzjoni li saritlu, wiegeb: *"Just to get the steel plate out because the problem is I can't straighten it. So to do any activity with full power on both arms I can't because I can't straighten it"* (*a fol.* 23).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li gie li ghadda mill-akwati fejn sehh l-akkadut qabel dan sehh. Jghid li kien konxju tal-fatt li t-triq kienet maghluqa pero jghid li din regghet infethet. Jghid li meta kien qed jaqsam it-triq hu, it-triq kienet infethet. Jghid li l-imputat gie mid-direzzjoni l-hazina tat-triq. Mistoqsi jghid jekk rax lill-imputat gej bir-rota, wiegeb: *"In the centre of the road, it was like kind of small … so you can't see in the distance when you look right, but I took just one step and he was going so fast, I had no chance, he just knocked me over and he was coming in the inside of the road. If he was on the opposite side, I could have a chance of seeing him"* (*a fol.* 24).

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 40 *et seq.*), qal li huwa mar l-isptar dakinhar tal-akkadut u jghid li ttiehed b'ambulanza. Spjega li Mr. Massimo Abela kien il-persuna medika li ezaminah. Jispjega wkoll li ghadu jbaghti l-konsegwenzi tal-incident. Mistoqsi jghid jekk ghandux xi dokumenti in sostenn ta' dan, wiegeb fl-affermattiv pero qal li dawn id-dokumenti ma jinstabux fuqu. Il-parti leza ndika lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li kkawzalu l-griehi li sofra.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2013, xehed **Dr. Jean Paul Camilleri** (*a fol.* 26) fejn wara li ra c-certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "JM 2" (*a fol.* 15), ikkonferma li dan gie rilaxxat

minnu wara li kien ra lill-parti leza fis-26 ta' Frar 2012 fid-Dipartiment tal-Emergenza fejn irrizulta li l-parti leza kellu ksur fil-minkeb tax-xellug. Jikklassifika li l-griehi sofferti mill-parti leza bhala griehi gravi.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2013, xehdet **Dr. Desireé Seguna** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn spjegat li kienet invistat lill-parti leza meta kien rikoverat l-isptar fis-sala taghha. Tispjega li lill-parti leza ratu diversi drabi fis-sala waqt li kien taht il-kura ta' Mr. Massimo Abela. Tixhed li l-parti leza kellu bzonn ta' operazzjoni biex jissewwulu l-ghadam tal-ksur li sofra. Tikklassifika l-griehi sofferti mill-parti leza bhala gravi.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2013, xehed **Mr. Massimo Abela** (*a fol.* 33 *et seq.*) fejn wara li ra dokument li gie mmarkat bhala Dok. "MA 1" (*a fol.* 35 *et seq.*) qal li dan huwa *Case Summary* tal-parti leza migjub minn Dr. Desireé Seguna. Gew ezebiti wkoll *x-ray images* li gew immarkati bhala Dok. "MA 2" sa "MA 5" (*a fol.* 36 *et seq.*). Huwa xehed fuq dak li ra mill-*x-ray images* u minn dak li jirrizulta mill-*Case Summary* u jghid li l-griehi sofferti mill-parti leza kienu ta' natura gravi.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014, xehed **Bernard Simler** (*a fol.* 53 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut mar jghin lil shabu fil-maratona li kienet qed tinzamm. Jghid li jsuq ir-rota u joqghod mal-atleti li jkunu jinsabu fl-ahhar pozizzjonijiet f'kaz li jkollhom bzonn tal-ghajnuna. Spjega li meta dakinhar tal-akkadut kien sejjer lura lejn in-Naxxar, kif wasal fil-limiti tal-*Busy Bee* ra persuna li kienet f'diffikulta u ddecieda li jmur lura lejn il-*finishing line* sabiex igiblu l-ghajnuna. Jghid li hekk kif kien fi triqtu lura lejn tas-Sliema, kien mixi fuq in-naha tas-*central strip* kontra t-traffiku peress li dan kien wieqaf u dana peress li fuq in-naha l-ohra tat-triq kien hemm atleti jigru. Jixhed li hu kien diga kien fuq iz-*zebra crossing* u kwazi wasal biex johrog minnha, f'liema hin il-parti leza nizel minn wara sigra fejn kien hemm arblu u spicca waqqaghu (lill-imputat) u hu (l-imputat) gie fuq daru mal-art. Jghid li kien hemm bankina li llum ma ghadhiex hemm. Jghid li ghalih ir-rota mhux biss delizzju pero passjoni. Jghid li ma kull *crash helmet* ghandu

mera biex ikollu vizwal ta' 360 *degrees* u b'hekk ikun jista' jara quddiem u wara u jkun jaf x'inhu jigri. Ezebixxa tlitt ritratti li ha hu flimkien mal-konsulent legali tieghu, liema ritratti gew immarkati bhala Dok. "BS 1" sa "BS 3" (*a fol.* 50). Jghid li dakinhar tal-akkadut is-sigar kienu aktar folti. Ipprezenta wkoll zewg certifikati medici li gew immarkati bhala Dok. "BS 4" u "BS 5" (*a fol.* 51 u 52). Jghid li meta sehh l-incident huwa kien gej man-naha tas-*central strip*, fejn kien hemm is-sigar. Jghid li meta gara l-incident kien hiereg minn fuq iz-*zebra crossing*. Jispjega li kemm hu kif ukoll il-parti leza waqghu mal-art u li wara li marru l-Pulizija fuq il-post ittiehdu bl-ambulanza l-isptar.

In <u>kontro-ezami</u> l-imputat indika b'salib fuq ritratt immarkat bhala Dok. "BS 1" (*a fol.* 50) fejn sehh l-akkadut. Mistoqsi jghid jekk il-parti leza nizilx miz-*zebra crossing*, wiegeb: *"Hu nizel mhux minn fuq iz-zebra cross, hu nizel fuqi litteralment"* (*a fol.* 57). Fuq l-istess ritratt Dok. "BS 1" (*a fol.* 50) l-imputat immarka fejn gara dan. Jghid li l-parti leza ma kienx qed jaqsam minn fuq iz-*zebra crossing* pero kien qieghed fuq is-*central strip*. Jghid li hu ma setghax jara lill-parti leza bl-ebda mod minhabba s-sigar u l-arblu. Jixhed li kieku l-parti leza kien fuq iz-*zebra crossing*, hu (l-imputat) setgha jarah peress li hu kien qed isuq *mountain bike* (u mhux *racer*) li kien ghamlilha l-*bull bars* biex ikun jista' joqghod dritt. Jghid li kellu vizwali sew tat-triq. Jghid li kien qed isuq fuq in-naha tat-triq l-aktar vicin il-bahar. Jikkonferma li kien ghaddej kontra l-*flow of traffic* peress jghid li t-traffiku ma setghax jghaddi.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2014, xehed **Michael Mizzi** (*a fol.* 61 *et seq.*) fejn qal li huwa jiehdu sehem fil-maratoni. Jghid li lill-imputat ilu jafu tnax il-sena u kienu jahdmu flimkien. Jispjega li peress li l-imputat huwa dilettant hafna tar-rota, l-imputat kien jassistih u xi atleti ohra waqt li jkunu qed jigru.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2015, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jesmond Micallef** (prodott mid-difiza) (*a fol.* 71) fejn ezebixxa dokumenti li jirrigwardaw permessi rigward il-

maratona li nzammet fis-26 ta' Frar 2012. Dawn gew immarkati bhala Dok. "JM 3" (*a fol.* 72).

**Ikkunsidrat**

Illi fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, l-imputat qed jigi akkuzat li nvolontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tal-parti leza. Filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi li effettivament il-parti leza sofra griehi ta' natura gravi, u dana jirrizulta mid-dokumenti medici u minn dak li xehdu x-xhieda medici, ikun opportun li l-Qorti tara jekk effettivament l-imputat kienx responsabbli ghal dawn il-griehi.

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li hawnhekk ninsabu fil-kamp kriminali u mhux fil-kamp civili. Fil-kamp kriminali dak li huwa rikjest huwa *"proof beyond reasonable doubt"*. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, deciza fil-5 ta' Dicembru 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*" fejn inghad is-segwenti:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi, apparti minn dan, huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li hemm responsabbiltajiet dwar uzu tat-toroq imposti kemm fuq is-sewwieqa kif ukoll fuq il-*pedestrians*.

Illi kull sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm 'l hekk imsejjah *proper look out*. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick**

**Debattista** deciza fis-26 ta' Mejju 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Hu dover ta' driver *to see what is in plain view* [...] u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm *a proper lookout* [...].
>
> *Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well*".

Illi dwar l-obbligu tal-*pedestrian*, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Caruana** deciza fl-14 ta' Mejju 1955 stabbilit li:

> "Il-*pedestrian* ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u *driver* li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'pozizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-*driver* ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian*".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa** deciza fl-4 ta' April 1959, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-*pedestrian* ghalkemm ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam '*with reasonable dispatch*'. Aktar u aktar tehtieg dik l-attenzjoni tal-*pedestrian* meta *si tratta* ta' *uncontrolled crossing*".

Illi l-Qrati taghna huma cari u univoci fuq il-materja li sewwieq izomm *a proper lookout* u ta' negligenza kontributorja meta jigu ghal decizjonijiet fuq griehi kawzati minn incidenti tat-traffiku.

Hekk, per ezempju, kienet irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Guzeppi Bilocca**, deciza fit-12 ta' Frar 2009:

> "Illi dan hu kaz ta' investiment ta' *pedestrian*. Illi gie ritenut *in subiecta materia* illi l-*pedestrian* ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-*pedestrian* ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-*driver* tal-car milli juza dak il-grad ta' *reasonable care* li tinhtieg. Dana kollu jinghad sakemm ma tkunx giet mill-*pedestrian* kreata lid-*driver*, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva (ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. J. Formosa**, Vol. XLIII. P.iv p.1023). F'sentenzi ohra umbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha, e.g. *"meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi moviment insolitu w inaspettat"* (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. J. Thornton**, Vol. XLV. P.iv. p.920) jew meta *"pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza"* (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Cassar Desain** Vol. XLVI. P.iv. p.765). Mill-banda l-ohra pero', gie wkoll ritenut li *driver* ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-*sudden emergency* meta l-emergenza ikun holoqha hu (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera** [13.12.1968]). Dan ghaliex f'kaz simili d-*driver* ikun qieghed isofri minn *self inflicted incapacity* effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.
>
> Illi gie mbaghad dejjem ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, *ammenoché* dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-

htijiet da parti ta' haddiehor. (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** [16.3.1961]; **Il-Pulizija vs. John Polidano** [3.11.1963]; **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** [Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131] u ohrajn). Dana ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)".

Illi, fil-kaz odjern, minkejja li l-imputat ma kienx qed isuq vettura pero kien qed isuq rota, dak li gie ritenut hawn fuq fil-konfront ta' persuna li jkun qed isuq vettura japplika wkoll ghall-imputat. Ovvjament, fir-rigward tal-parti leza, japplika dak li nghad fir-rigward tal-*pedestrian.* Ma hemmx dubju li sehh l-impatt bejn il-parti leza u r-rota misjuqa mill-imputat. Mill-atti processwali jirrizultaw ukoll is-segwenti:

- Dakinhar li sehh l-akkadut f'Malta kienet qed tinzamm il-maratona annwali u kien hemm il-permessi necessarji ghaliha (Dok. "JM 3" – *a fol.* 72) fejn kellhom jinghalqu xi toroq ghat-traffiku, fosthom dik fejn sehh l-akkadut mertu tal-proceduri odjerni.

- L-akkadut sfortunat sehh hekk kif l-imputat kien qed isuq ir-rota minn naha tat-triq li minnha kellhom jghaddu l-atleti, minn liema naha tat-triq it-traffiku jghaddi mid-direzzjoni opposta. Fil-hin li l-imputat kien qed isuq din ir-rota, il-parti leza li ried jaqsam it-triq safa sofra griehi ta' natura gravi peress li kien hemm l-impatt bejnu u l-imputat.

- Fil-verzjoni moghtija mill-parti leza lill-Pulizija meta kien qed jigi mhejji r-rapport (Dok. "JM 1" – *a fol.* 12 *et seq.*), il-parti leza jghid biss li hares lejn ix-xellug. Fl-ebda hin ma jghid li huwa hares il-lemin (cioé minn fejn kien gej l-imputat). *Di fatti*, jirrizulta li l-parti leza qal is-segwenti lill-Pulizija: *"Mr. Alan Hennessy stated that he was crossing the road on the pedestrian crossing. When he arrived on the second part of the road, he looked on the right side, from where the direction usually comes the traffic. As he saw nothing coming because the road was closed to traffic due to the marathon, he*

*crossed the road. All of a sudden, a bicycle came with high velocity from the opposite direction and hit him"* (*a fol.* 13).

Kien biss quddiem il-Qorti li l-parti leza qal li hares lejn il-lemin. *Di fatti*, il-parti leza quddiem il-Qorti qal li hekk kif wasal f'nofs it-triq, fejn hemm is-*central strip,* hu waqaf u hares lejn ix-xellug u ra t-traffiku gej minn dik id-direzzjoni, u jkompli jghid: *"I glanced to the right and just as I stepped out I got hit by the bicycle*" (*a fol.* 20-21). Skond il-parti leza, fil-hin li sehh l-akkadut, it-triq ma kienitx ghadha maghluqa ghat-traffiku.

- Fir-rapport (Dok. "JM 1" – *a fol.* 12 *et seq.*) redatt mill-Pulizija, jirrizulta li l-imputat qal hekk: *"[…] All of a sudden he found the man on the pedestrian crossing and he crashed into him"* (*a fol.* 13). Quddiem il-Qorti, l-imputat (*a fol.* 53 *et seq.*) jixhed li hekk kif kien fuq iz-*zebra crossing* u kien kwazi wasal biex johrog minnha, il-parti leza nizel minn wara sigra fejn kien hemm arblu u sehh l-akkadut. Jghid li l-parti leza ma kienx qed jaqsam minn fuq iz-*zebra crossing* pero kien qieghed fuq is-*central strip*. Jghid li t-triq kienet ghadha maghluqa ghat-traffiku u li kienet din ir-raguni ghala kien qed isuq ir-rota kontra d-direzzjoni tat-traffiku.

- Ma jirrizultax li fil-hin li sehh l-akkadut it-triq kienet regghet infethet ghat-traffiku. Ma jirrizultax lanqas li l-imputat kien qed isuq bi *speed* mghaggel jew li jista' jissejjah li kien eccessiv. Bhala stat ta' fatt, il-Qorti hija konvinta bl-imhabba li l-imputat ghandu lejn ic-ciklizmu li tidher riflessa bil-mod kif huwa ta certi dettalji waqt id-depozizzjoni tieghu. Apparti minn dan, l-imputat issodisfa lill-Qorti wkoll li huwa jiehu l-prekawzjonijiet necessarji meta jkun fuq ir-rota tant li, fost l-ohrajn, huwa xehed li ma kull *crash helmet* li ghandu ghandu mera biex ikollu vizwal ta' 360 *degrees* u b'hekk ikun jista' jara quddiem u wara u jkun jaf x'inhu jigri.

Illi, tenut kont ta' dan kollu u b'mod specjali ta' dak li gie kwotat aktar il-fuq fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Guzeppi Bilocca**, il-Qorti tinnota li dan l-incident sfortunat jista' jigi kunsidrat bhala wiehed fejn bl-azzjoni tal-parti leza huwa holoq emergenza subitanea imprevedibbli. *Di fatti*, japplika dak li nghad fil-kawza **Il-Pulizija vs. Cassar Desain** li saret riferenza ghaliha aktar il-fuq. Ma jirrizulta bl-ebda mod li l-imputat holoq l-emergenza hu. Huwa car li meta l-parti leza gie biex jaqsam it-triq huwa ma harisx lejn fejn kellu jhares, kif kien obbligat li jaghmel, altrimenti kien jintebah bl-imputat. Dan kollu qed jinghad *stante* li ma giex pruvat li fil-hin tal-akkadut it-triq kienet infethet b'mod normali ghat-traffiku.

Illi l-Qorti hija sodisfatta li bl-imprudenza tieghu, il-*pedestrian* krea lis-sewwieq emergenza subitanea imprevedibbli, li rrenda impossibbli jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva da parti tal-imputat (**Il-Pulizija vs. J. Formosa**, kwotata hawn fuq). Il-Qorti tinnota li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova li l-imputat huwa hati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu *"beyond a reasonable doubt"*.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Bernard Simler hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Alexia Attard**
**Deputat Registratur**